MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 397/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**v**

**RICHARD VELLA**
**PHILIP BORG**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputati **RICHARD VELLA** ta' tnejn u tletin sena, bin Richard u Therese nee Grech, imwieled Attard fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 1973, residenti fl-indirizz, "Karric", Triq San Guzepp, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita` numru 108573M u **PHILIP BORG** ta' erbghin sena, bin Rosario u Carmela nee Camilleri, imwieled Zebbug fis-sebgha ta' Marzu, 1965, residenti fl-indirizz 32, "Casa Primavera", Triq il-Hlewwa, Zebbug, Malta, detentur tal-karta tal-identita` numru 162465M gew mressqa quddiemha u akkuzati talli;

1. Fit-tletin ta' April, 2005 u fiz-zminijiet differenti ta' qabel fil-Floriana, fil-kapacita` taghhom ta' ufficjali jew impjegati f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala mpjegati tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellhom, kemm jekk ma kellhomx jedd li jesigu flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghhom, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa taghhom, esigew dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;

2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, fil-kapacita` taghhom ta' ufficjali jew impjegati pubblici, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew xi weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor;

3. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew xjentement ghamlu uzu minn wahda minn dawn il-karti;

4. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjoni jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

6. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala ufficjali pubblici illi, minhabba il-karig jew impjieg taghhom kien

fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

7. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhlu isem ta' persuna mhux vera, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara li xi persuna jew iggib utili.

8. Jew aktar billi xjentement ghamlu uzu minnha;

9. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

10. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan;

11. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, kkommettew serq ta' petrol li jiswa aktar minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;

12. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropprijaw ruhom, billi dwaru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn kunsinna ta' petrol LRP li jiswa aktar minn elf lira maltin (Lm1000), liema kunsinna giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata minhabba l-kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta;

13. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta'

krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ aktar minn elf lira maltin (Lm1000) bi hsara tal-Gvern ta’ Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta.

14. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bi hsara tal-Gvern ta’ Malta u/jew tal-Korporazzjoni Enemalta, ghamlu xi qliegh b’qerq.

**Lil Richard Vella wahdu:**

15. B’hekk, fil-kapacita` tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat jew reati illi huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba il-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi

Semghet l-ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront taz-zewg imputati kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-erbgha ta’ Mejju, 2005 [fol 9 et seq] u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u tathom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-erbgha ta’ Mejju, 2005 [fol 4].

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputati, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom.

Semghet lil Avukati Difensuri tal-imputati jittrattaw il-kwistjoni ta’ piena fid-dawl tal-ammissjoni registrata minnhom filwaqt li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Difensur tal-imputat **Philip Borg** iddikjara li l-Qorti ghandha tkun klementi mal-imputat fl-ghoti tal-piena taghha u dan ghar-ragunijiet segwenti;

1. Illi fil-fehma tieghu din il-Qorti ghandha thares lejn dak li jiddisponi l-artikolu 453A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-ammissjoni bikrija, l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha;
2. L-imputat Philip Borg inzamm taht arrest preventiv ghall-perjodu ta' tmienja u erbghin siegha dwar l-investigazzjoni odjerna;
3. Il-kondotta indelibbli tal-imputat Philip Borg bl-ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha;
4. L-imputat Philip Borg huwa bniedem ta' erbghin sena, bi tlett itfal, l-izghar fosthom ta' sentejn u nofs;
5. L-imputat Philip Borg ghandu dejn ta' erbat elef lira maltin fuq karozza li xtara u fil-fatt qed ihallas pagamenti mensili ta' hamsa w tmenin lira maltin u ghalhekk jekk jinghata piena ta' habs, huwa jitlef l-impieg tieghu u ma jkunx f'posizzjoni li jaghmel dawn il-pagamenti;
6. Il-qliegh finanzjarju li huwa ghamel minn dan ir-reat ma kienx aktar minn sitt mitt lira maltin (Lm600);
7. L-imputat Philip Borg iddikjara li kien lest li jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghha fil-konfront ta' terzi komplici f'dawn ir-reati;
8. L-imputat Philip Borg ma kienx l-awtur, izda l-komplici fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati;
9. L-akkuzi in kwistjoni jinkwadraw ruhhom bhala mezz ai fini fil-kommissjoni tar-reat kif previst fl-artikolu 17 (h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. L-imputat Philip Borg ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha.

Ghaldaqstant hass li bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena idoneja ghandha tkun dik naxxenti mill-Ordinanza tal-Probation, Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil Avukat Difensur tal-ko-akkuzat **Richard Vella**, jaghti wkoll r-ragunijiet tieghu ghaliex din il-Qorti ghandha tkun klementi fl-ghoti tal-piena taghha.

1. Illi l-imputat Richard Vella ilu fil-Korp tal-Pulizija fi grad ta' Kuntistabbli ghal dawn l-ahhar sitt snin u qatt ma kellu xi crime, izda dejjem gab ruhu b'mod korrett u esemplari;
2. Minhabba dak ammess minnu, l-imputat Richard Vella minn rajh irrizenja mill-Korp tal-Pulizija, b'effett mill-ewwel ta' Mejju, 2005;
3. Kien hu li svela dak li gara b'mod dettaljat kif jirrizulta mill-istqarriji tieghu rilaxxjati mill-Pulizija nhar it-tletin ta' April, 2005 u nhar l-ewwel ta' Mejju, 2005;
4. L-imputat Richard Vella kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha;
5. L-ammissjoni bikrija ghandha tigi trattata fid-dawl tal-artikolu 453 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. L-imputat Richard Vella ghandu fedina penali ndelibbli, bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrata fuqha;
7. Illi huwa ma kienx il-principal ta' dan ir-reat, izda l-komplici u li gie mghommi mix-xitan f'okkazzjoni wahda izolata u diga' hallas ghall-ghemilu billi rrizenja u tilef hobzu ta' kuljum;
8. Illi huwa ghadu kif izzewweg tlett xhur ilu;
9. Illi r-reati in kwistjoni gew kommessi bhala mezzi ai fini tal-kommissjoni tar-reat ai termini tal-artikolu 17 (h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. L-imputat Richard Vella huwa lest li jixhed fil-konfront ta' terzi komplici f'dan ir-reat u jassisti l-Pulizija Esekuttiva fl-investigazzjoni ulterjuri taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Difensur tal-imputat Richard Vella sostna li jezistu ragunijiet specjali il-ghala din il-Qorti ghanda tapplika l-provvediment tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Ufficjal Prosekutur minn naha tieghu sostna li r-reati in kwistjoni huma gravissimi u jwegghu lill-

Korp tal-Pulizija bl-aktar mod dirett u dan ghaliex il-hsara li ssir lill-“image” tal-Korp tal-Pulizija f’cirkostanzi bhal dawn hi wahda rreparabbli ghalkemm stqarr li l-imputati kkolaboraw mal-Pulizija limitatament ghal dak li jirrizulta mill-istqarrijiet tal-imputati esebiti fl-atti. Dwar il-piena, l-istess Ufficjal Prosekutur rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija ***nhar l-ewwel ta' Dicembru 1994 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Ivan Gatt** dwar il-kuncett ta' piena, u cioe:
"*Il-Qorti tosserva li storikament l-element tad-deterrent flimkien ma dak tar-retribuzzjoni huma konsiderati fost l-iskopijiet principali tal-piena. Fil-fatt, fis-seklu tmintax, studjuzi famuzi bhal Cesare Beccaria fl-Italja, Jeremy Bentham fl-Ingilterra u PJA Van Feverbath fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin tal-iskola klassika fix-xjenza tal-kriminologija, bbazaw t-teorija taghhom ta' delitti u pieni fuq l-kuncett ta' deterrent generali. Kif jillustrhom* ***Johannes Ardenus*** **[*****Encyclopedia of Crime and Justice*****] - Volume 2 taht l-voce Deterrence p. 5592***:*

*"The central idea was that the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential law breaker the fear of punishment would outright the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence "*

*Dawn l-istudjuzi pero narament ikkonsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-ligi kriminali, mentri effettivament dan l-aspett huwa wiehed minn dawk l-importanti billi l-ligi kriminali mhux biss skala ta' delitti u pieni u f'sens astratt hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-socjeta ghal certa imgieba.*

*Fis-seklu li ghadda, pero u fl-ewwel parti ta' dan spikkat l-importanza ta' dak li hu maghruf bhala treatment and rehabilitation ta' min ikun kiser l-ligi. F'dan il-process, sfortunatament kien hemm wkoll min beda jemmen li l-*

*element tad-deterrent huwa ineffikaci anke jekk effettivament ebda sistema legali m'abbandunat l-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti inerenti ghal piena fis-sistema penali. Illum specjalment, wara s-snin sittin. l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent, reggha beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt llum hemm l-iskola noe-klassika fix-xjenza kriminologija li jaghti importanza ghall-aspett tad-deterrent ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi esemplari li aktar milli jistghu jservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effett li jippunixxu lil hati b'certa severita li taht kull cirkostanza ma tistax hlief tigi konsiderata eccessiva precizament ghax trid sservi ta' ezempju ghal haddiehor*."

In realta, s-severita tal-piena ghal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-mizura tal-piena li tistabilixxi l-ligi stess u fejn hemm minimu u massimu, dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza u timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie u gravita partikolari tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghal hati u ta' fatturi u cirkostanzi ohra li fix-xjenza kriminologika u dik ta' penologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lil Qorti tiddecidi kif ghandha tittratta mal-individwu li jkun instab hati. Il-piena pero m'ghandhix tkun mizurata b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor."

Illi ghalhekk llum il-gurnata:

*"…huwa opportun li tnehhi l-impressjoni li l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena, hu biss li jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett li ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum, kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva imma ta' sistema restorattiva, fejn jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anke tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wkoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun soffriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anke li jkun hemm possibilita li dak li jkun jigi riformat u jikkonvinci ruhu li ghandu jsegwi t-triq t-tajba."* [vide **Il-Pulizija v Stephen Spiteri** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-***

***tnejn w ghoxrin ta' Setttembru 1993* u sentenza ohra** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' April 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Abela].**

Illi l-partijiet stiednu lil Qorti tinzel taht l-minimu f'din s-sentenza bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dan l-ghan taw diversi ragunijiet.

L-artikolu 21 tal-Kap 9 huwa car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif wkoll fis-sustanza mill-Qrati fil-ghoti tas-sentenzi taghhom. Ghandu jigi interpretat bl-aktar mod strett u l-applikazzjoni tieghu fi kliem l-istess ligi jirrikjedi:

a. ragunijiet specjali **u** straordinarji, u
b. li dawn r-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom jissemmew bir-reqqa fis-sentenza.

Dan l-artikolu qed jitkellem fil-plural u ghalhekk dan jfisser li jrid ikun hemm ragunijiet [mhux raguni wahda] li jkunu specjali, **kif wkoll** li dawn ghandhom ikunu straordinarji [mhux **jew** straordinarji] u dawn ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza [vide **Il-Pulizija v Pierre Bugeja** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Dicembru 1998*** u **Il-Pulizija v Simon Camilleri** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Jannar 1999***].

Jigi enfasizzat pero minn din il-Qorti li mhux kull raguni li fil-fehma tad-Difiza, hija specjali hija straordinarja u ghandha ghalhekk tittutela bhala raguni tajba ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Ragunijiet assurdi jew ordinarji m'ghandhomx jkollhom widen. Naturalment, il-Qorti ghandha margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna ghal dak li hu apprezzament ta' x'jammonta jew ma jammontax ghal 'ragunijiet specjali u straordinarji.'

Per ezempju fis-sentenza gia citata fl-ismijiet **Il-Pulizija v Simon Camilleri** saret referenza ghal certu fatturi imqajjmin mid-Difiza u cioe fedina penali tal-akkuzat, gravita tar-reati u l-valuri nvoluti u l-Qoreti hasset li

cirkostanzi bhal dawn semmai jaggravaw il-piena u mhux jimminimizzawha.

Anke fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Ottubru 1977*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Borg**, gie deciz li l-fatt li wiehed ikollu fedina penali nadifa, ma tammontax la ghal raguni straordinarja u lanqas ghal raguni specjali. Ir-ragunijiet iridu jkunu verament specjali u straordinarji. Per ezempju kif hemm imnizzel fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Vincent Spiteri** - dewmien esagerat fil-proceduri.

Issa, dwar il-kaz in ezami l-Avukat Difensur tal-imputat Philip Borg, gab bhala raguni ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9, l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, li hu bniedem ta' erbghin sena bi tlett itfal u li ghandu d-dejn fuq karozza li effettivament kien xtara w il-profitt irrizjarju li huwa ghamel minn dan r-reat fl-ammont ta' sitt mitt lira. Illi din r-ragunijiet fil-fehma tal-Qorti, huma cirkostanzi li m'ghandhomx jitqiesu bhala tali li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9. Pero minn naha l-ohra, r-raguni ta' ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni u l-ammissjoni bikrija tieghu ghandhom jigu riflessi fl-ghoti tal-piena u l-Qorti sejra tikkummenta dwarhom aktar 'l quddiem.

L-istess ghandu jinghad bir-rispett dovut lejn l-Avukat Difensur tal-ko-akkuzat Richard Vella fir-rigward r-ragunijiet migjuba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li ilu fil-Korp tal-Pulizija ghal sitt snin u qatt ma kellu xi *crime*, l-fatt li ghandu fedina penali ndellibbli, l-fatt li ghadu kif izzewweg u li l-akkuzi 'n kwistjoni jikkoncernaw incident wiehed izolat f'hajtu. Dawn m'humiex ragunijiet specjali u straordinarji fil-fehma ta' din il-Qorti li ghandhom jigu kkunsidrati ghal applikazzjoni tal-provvediment 21 tal-Kap 9. Minn naha l-ohra, il-Qorti sejra taghti widen ghall-fatt li l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni w irregistra ammissjoni bikrija u l-fatt li rrizenja mill-Korp tal-Pulizija.

Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza wkoll dwar dak li ssollevaw l-Avukati Difensuri fit-trattazzjoni taghhom dwar il-piena u cioe l-applikazzjoni tal-artikolu 453A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jitkellem dwar il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena.  Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-tieni ktieb Titolu IV "Fuq il-Qorti Kriminali".  Bhala rekwizit ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghal mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-**Qorti Kriminali**, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li fil-kaz ta' ammissjni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita miftiehma bejniethom.  Illi din l-applikazzjoni pero ma tapplikax ghal kaz kriminali pendenti quddiem Qorti Istruttorja.

L-artikolu 392A(5) tal-Kap 9 jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghal mistoqsija jekk hux hati jew le, pero f'dan il-kaz, irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik l-Qorti u n-nota ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A.  Illi fil-kaz in dezamina pero ma sar xejn minn dan w ghallhekk onestament ma tarax ghaliex saret tali referenza ghal dan l-artikolu ta' patteggjament mill-Avukat Difensur.  Sa fejn taf hi, l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irremettiet ruhha ghal gudizzju tal-Qorti u fl-ebda hin ma kkummentat dwar il-piena li ghandha tinghata.

Il-Qorti sejra issa tiddeciedi jekk ghandhiex tuza d-diskrezzjoni li taghtiha l-ligi dwar riduzzjoni fil-piena. Wahda mir-ragunijiet li ddeduciet d-Difiza fir-rigward kienet l-fatt li l-hati ammetta.

In vista tal-ammissjoni tal-akkuzat din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx dubbju li bhala regola generali, meta akkuzat jammetti l-akkuzi, hu ghandu jibbenefika minn xi mitigazzjoni fil-piena, ghandu jinftiehem car izda, li din r-riduzzjoni fil-piena m'ghandha **qatt** tittiehed bhala xi dritt

awtomatiku ta' kull akkuzat li jammetti l-akkuzi dedotti kontrih. Kull kaz fejn hemm tali ammissjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti trid tara li tkun l-aktar piena adegwata fic-cirkostanzi. Din il-kwistjoni ghandha dejjem tigi trattata ghaliha innifsha u separatament minn kull kaz simili iehor. Ma hemm l-ebda rabta jew xi forma ta' precedent li torbot jew tobbliga lil Qorti li takkorda tnaqqis fil-piena f'kull kaz fejn hemm ammissjoni. Dan qed jinghad ghaliex jista jkun hemm cirkostanzi f'xi kaz li juru bic-car li tali tnaqqis m'ghandux jinghata f'dak il-kaz partikolari minkejja l-ammissjoni tal-akkuzat, anki fi stadju bikri tal-procediment kontrih.

Kif gie ritenut diversi drabi, huwa impossibbli li jigu elenkati l-kazijiet u c-cirkostanzi kollha fejn tali tnaqqis fil-piena jkun jew ma jkunx indikat, u dan 'l ghaliex kull kaz ghandu fatti specie partikolari tieghu. Din hija haga li tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Wahda mic-cirkostanzi li certament ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena f'kaz t'ammissjoni, hi jekk tali ammissjoni tkun fil-fatt ikkontribwiet biex il-kaz jigi deciz fl-iqsar zmien u bl-inqas spejjes possibbli. Cirkostanzi li timmilita kontra l-ghoti ta' riduzzjoni fuq piena hija meta l-ammissjoni ssir tard hafna, meta l-procedimenti jkunu gia nstemghu jew saret parti sostanzjali taghhom bil-konsegwenza li jkunu gia saru hafna spejjes konnessi mal-kaz quddiem din il-Qorti.

Aktar ma akkuzat jammetti fi stadju kmieni tal-proceduri, aktar ikun hemm favur tieghu b'mod posittiv r-riduzzjni fil-piena sakemm ma jkunx hemm cirkostanzi ohra li b'mod lampanti ma jhallux lil akkuzat jikkwalifika ghal tnaqqis fil-piena.

Fi ftit kliem, il-Qorti bhala regola ghandha thares favorevolment lejn l-fatt li akkuzat ammetta l-akkuzi fi stadju ragjonevolment kmieni tal-proceduri u ma qaghadtx jahli z-zmien tal-Qorti u ta' haddiehor, qabel m'ammetta. [vide f'dan r-rigward **Repubblika ta' Malta v Faustina Barbara** ***deciz nhar l-erbatax ta' Mejju 1998*** u

**Repubblika ta' Malta v Nichola Azzopardi** ***deciz nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1997 mill-Qorti Kriminali***.]

L-Avukat Difensur issuggerixxa lil din il-Qorti tapplika l-provvediment tal-Probation Order. Il-Qorti pero ma thoss li dan hu kaz fejn hija ghandha tapplika tali provvediment, ghaliex ma thoss li l-imputati huma kandidati ideajali ghal probation u fil-fatt hija tal-fehma li r-reat li l-imputati nstabu hatja taghhom huma serji hafna u ghalhekk il-Qorti trid tindirizza din is-serjeta. Illi ghalhekk f'dawn c-cirkostanzi u minhabba dak li ntqal aktar 'l fuq, hija tal-fehma li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' sentenza sospiza.

L-Avukati Difensuri talbu lil din il-Qorti sabiex taghti sentenza fuq conditional discharge taht l-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex skond huma, din isservi ta' deterrent ghal imputati fil-futur.

Il-Qorti ma taqbilx, ghaliex jekk qed nitkellmu fuq deterrent li bhala rizultat l-imputati joqghodu aktar attenti sabiex jibqghu fit-triq t-tajba, certament sentenza sospiza ghandha ferm aktar effett minn liberazzjoni kondizzjonata jew kull forma ta' probation order taht l-Kap 466.

Il-Qorti hija konxja tal-fatt li l-imputat Richard Vella ghandu aggravju li l-imputat Philip Borg m'ghandux u cioe li kkommeetta reat li kellu jissorvelja li ma jsirx u ghalhekk s-sentenza ta' din il-Qorti ghandha tindirizza wkoll din d-differenza t'akkuzi.

Ghalkemm il-paraguni huma odjuzi, huwa dejjem importanti meta tkun qed tinghata sentenza fil-konfront ta' aktar minn imputat wiehed, li l-gudikant izomm quddiem ghajnejh certi principji sabiex s-sentenza tkun tirrifletti verament l-partecipazzjoni rispettuva taghhom fuq kommissjoni tar-reat jew reati kif wkoll ic-cirkostanzi personali rispettivi taghhom.

Kif jispjiega **D.A. Thomas**, fil-ktieb tieghu ***Principal of Sentencing [Heineman - London 1979]***:

*"Where two or more offenders are concerned in the same offence or series of offences, a proper relationship should be established between the sentences passed on each offender. If their responsibility in the commission of the offences and all other relevant factors are indistinguishable, the same sentence should be passed on each. A difference in the degree of culpability, or the presence of mitigating factors affecting one offender only, should be reflected in a distinction between their sentences (pp. 64-65)* [vide wkoll **Archold 1997 -Sweet & Maxwell, London 1997** - para 5-153 sa 5- 159; **Repubblika ta' Malta v Omissis u Brian Godfrey Bartolo *deciz nhar l-erbatax ta' Novembru 2002,* Repubblika ta' Malta v Omissis u Perry Ingomar Toornstoun *deciz nhar t-tnax ta' Gunju 2003***].

Ghalhekk il-piena li ser timponi din il-Qorti fuq l-imputati ser tkun differenti.

Il-Qorti thoss li hu dover taghha li tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta u d-dmirijiet li ghandhom l-imputati. Ma hemmx dubbju li r-reati li taghhom gew akkuzati l-imputati huma serji specjalment in vista tal-fatt meta tqis li gew kommessi minn Ufficjali Pubblici.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Caruana et**. Stephen Caruana li kien Ufficjal fil-Korp tal-Pulizija u kellu n-numru PC 1537, kien gie akkuzat fuq diversi akkuzi fosthom frodi ta' sigurta, korruzzjoni ta' Ufficjal Pubbliku, uzu ta' dokumenti foloz, falsifikazzjoni ta' atti, dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil Awtorita Pubblika u frodi u l-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li l-piena idoneja wkoll kellha tkun dik ta' prigunerija sospiza.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 21, 17(h), 112, 127, 115, 167, 183, 184, 141, 187, 188, 186, 261(c)(d), 262, 267, 271, 277, 280, 293, 308, 309, 141, 453A u 392A(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib liz-zewg imputati RICHARD VELLA u PHILIP BORG hatja tal-akkuzi kif**

**dedotti kontra taghhom fuq ammissjoni taghhom stess** pero bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) u cioe l-principju t'assorbiment tar-reati qed **tikkundanna lil imputat PHILIP BORG ghal piena karcerarja ta' <u>tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin</u> filwaqt li qed tikkundanna lil imputat RICHARD VELLA ghal piena karcerarja ta' <u>sentejn sospizi ghal erbgha snin</u>. Is-sospensjoni qeghda hemm kemm il-darba l-imputati, waqt il-perjodu operattiv ta' din l-ordni, ma jikkommettux xi reat iehor li ghandu piena karcerarja u jinsabu hatja tieghu.**

Ai termini tal-artikolu 28H **il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lil imsemmija RICHARD VELLA u PHILIP BORG sabiex fi zmien sitt xhur mill-lum, jhallsu lura lil Korp tal-Pulizija nofs kull wiehed tas-somma li tigi ndikata lilhom bhala l-valur tas-serq mertu tal-kawza.**

Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati r-responsabbilita taghhom naxxenti minn dawn d-direttivi u ordnijiet skond l-ligi specjalment x'jista jigri jekk huma jonqsu li josservawaha.

In oltre, **stante li l-imputat RICHARD VELLA agixxa bhala impjegat pubbliku** kif intqal aktar 'l fuq, fit-twettieq ta' dawn r-reati minnu, **il-Qorti qeghda**, ai termini tal-artikolu 119 tal-Kodici Kirminali **timponi fuqu interdizzjoni generali perpetwa.**

**Tordna li ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li s-sentenza tal-kundanna ghal interdizzjoni generali tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------